

## IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' April 2014 – ABN Amro Group vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-319/11) <sup>(1)</sup>

*(Għajjnuna mill-Istat — Settur finanzjarju — Għajjnuna ddestinata li tirrimedja għal tħarbit gravi fl-ekonomija ta' Stat Membru — Artikolu 107(3)(b) TFUE — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna kompatibbli mas-suq intern — Kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tal-għajjnuna — Projbizzjoni fuq l-akkwisti — Konformità mal-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għajjnuna għas-settur finanzjarju fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja — Proporzjonalità — Ugwaljanza fit-trattament — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Obbligu ta' motivazzjoni — Dritt għall-proprjetà)*

(2014/C 159/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: ABN Amro Group NV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: W. Knibbeler u P. van den Berg, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn u S. Noë, aġenti)

### Suġġett

Talba għal annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/823/UE, tal-5 ta' April 2011, dwar il-miżuri C 11/09 (ex NN 53b/08, NN 2/10 u N 19/10) implimentati mill-Istat tal-Pajjiżi l-Baxxi għal ABN AMRO Group NV (maħluqa wara l-fużjoni bejn Fortis Bank Nederland u ABN AMRO N) (ĠU L 333, p. 1).

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) ABN Amro Group NV hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 252, 27.8.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' April 2014 – Debonair Trading Internacional vs UASI – Ibercosmetica (SÔ:UNIC)

(Kawża T-356/12) <sup>(1)</sup>

*["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali SÔ:UNIC — Trade marks Komunitarji u nazzjonali verbali preċedenti SO...?, SO...? ONE, SO...? CHIC u trade marks verbali mhux irreġistrati — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Probabbiltà ta' konfużjoni — Familja ta' trade marks — Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009 — Regola 15(2)(b)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 — Ammissibbiltà tal-oppożizzjoni"]*

(2014/C 159/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Debonair Trading Internacional Lda (Funchal, Madère) (rappreżentant: T. Alkin, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Ibercosmetica, SA de CV (Il-Belt tal-Messiku, il-Messiku)